**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVIII**
**Appell Nru: 171/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

**RONALD MANGION**

**Illum, 8 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Ronald Mangion gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fil-31 ta'Ottubru, 1999, u fix-xhur precedenti ghal din id-data, f'dawn il-Gzejjer, meta hekk ordnat minn xi Qorti, naqas li jghati lill-martu dik is-somma ffissata minn dik il-Qorti bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-uliedu fi zmien hmistax il-jum li fih skond dak l-ordni kellu jithallas dik is-somma. Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi applikat l-Artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fl-4 ta'Lulju, 2000, li biha sabet lill-Ronald Mangion hati ta' din l-akkuza w kkundannatu Lm20 ammenda.

Rat ir-rikors t'appell ta'Ronald Mangion datat 14 ta'Lulju, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza dedotta kontrih.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet mill-gdid lix-xhieda taht gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fi ftit kliem l-ilment ta' l-appellant hu li ghalkemm jaqbel fil-meritu li veru hu kien waqaf mill-jkompli jghaddi l-manteniment lill-martu Nadine ghall-binthom minuri Desiree, kif kien ordnat li jghamel skond id-Digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili msemmi f'dawn l-atti, hu kien ghamel hekk ghaliex hass li kellu

ragunijiet validi peress li din binthom ma kienetx ghada qed tghix ma'martu izda ma xi zijiet minn taghha, u ghalhekk, ma kienx ghad baqa' in-necessita' tal-manteniment ghaliha tramite martu. L-appellant jghid li beda jghaddi dan il-manteniment dirett lill-bintu fejn kienet qed tabita.

Il-Qorti fehmet ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u pjenament tissimpatizza ma' l-appellant. Mill-aspett logiku, hu forsi ghandu ragun ihoss li ma kellux jkompli jghaddi l-manteniment ta'bintu lill-martu gja' la darba kien hemm ragunijiet validi w accettati minn kulhadd li din ma tkompliex fil-kustodja ta'ommha, izda tmur tghix band'ohra fejn l-appellant beda jghaddielha dak il-manteniment direttament. Minn daqshekk jirrizulta li l-appellant baqa' jonora l-obbligu tieghu li jipprovdi manteniment ghal din bintu, pero' mhux bil-mod kif ordnat mis-Sekond Awla.

Izda, b'dana kollu, meta l-appellant waqaf milli jkompli jghaddi dan il-manteniment lill-martu ghall-binthom minuri kif ordnat, ghalkemm forsi f'sens uman kellu raguni valida ghaliex jghamel hekk, legalment pero' ir-reat li hu akkuzat bih teknikament sehh. Bhal ma dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, gja' la darba l-imsemmi Digriet tas-Sekond Awla baqa' validu jew fis-sehh, allura l-appellant kien obbligat li jottempera ruhu mieghu sakemm dan ma jigiex espressament revokat jew altrimenti modifikat. Fil-fatt, jidher li issa l-appellant ha l-passi mehtiega sabiex jimmodifika dan id-digriet. Izda sakemm dan isir, hu jibqa obbligat li jonora dak li hemm fid-Digriet originali msemmi fl-atti. Ghalhekk dawk l-ordnijiet kollha msemmija f'dan id-Digriet jibqu validi sakemm ma jigux espressament revokati jew modifikati mill-Qorti kompetenti.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalkemm jerga' jinghad li din il-Qorti tifhem u tissimpatizza ma' l-appellant ghas-sitwazzjoni li sab ruhu fiha, mill-banda l-ohra hi marbuta b'dak li tghid il-ligi w qatt ma tista' tiggustifikah f'dan in-nuqqas tieghu.

Hu propju ghal dawn ir-ragunijiet li l-Qorti tara li ma tistghax legalment tvarja b'xi mod dak li ddecidiet l-ewwel Qorti kemm ghal dik li hija sejbien u dikjarazzjoni ta'htija, kif ukoll ghal dik li hija l-piena nflitta fuq l-appellant, li, fi kwalunkwe kaz, hi piena piuttost hafifa tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghalhekk il-Qorti qed tichad l-appell ta'Ronald Mangion u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur